DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 288/2022

tat-28 ta' Ottubru 2022

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/884]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 21av (id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

", kif emendata bi:

— **32019 L 1161**: Id-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 116).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Tabella 3 tal-Anness:

"

L-Iżlanda	38,5 %	38,5 %
Il-Liechtenstein	38,5 %	38,5 %
In-Norveġja	38,5 %	38,5 %

"

(b) Dan li ġej għandu jiżdied fit-Tabella 4 tal-Anness:

"

L-Iżlanda	10 %	15 %	45 %	65 %
Il-Liechtenstein	10 %	15 %	45 %	65 %
In-Norveġja	10 %	15 %	45 %	65 %

"

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva (UE) 2019/1161 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

[1] ĠU L 188, 12.7.2019, p. 116.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Ottubru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2022 tat-18 ta' Marzu 2022 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kristján Andri STEFÁNSSON

(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.
[2] ĠU L 182, 7.7.2022, p. 19.